

REGOLAMENT (UE) Nru 543/2014 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
tal-15 ta' Mejju 2014
li jemenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/681/ĠAI li tistabbilixxi l-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija
(CEPOL)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-punt (b) tal-Artikolu 87(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw l-inizjattiva tal-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja u l-Isvetza,

Wara t-trasmissjoni tal-abbozz tal-att leġislattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/681/ĠAI ⁽²⁾, is-CEPOL għandu s-sede tiegħu fi Bramshill, ir-Renju Unit.
- (2) Minkejja l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2005/681/ĠAI, permezz tal-ittri ddatati t-12 ta' Diċembru 2012 u tat-8 ta' Frar 2013, ir-Renju Unit informa lis-CEPOL, Bramshill jospita wkoll is-sit nazzjonali tat-taħriġ tal-pulizija tan-National Policing Improvement Agency (Aġenzija Nazzjonali għat-Titjib fil-Korp tal-Pulizija) li r-Renju Unit kien iddeċieda li jissostitwixxi b'College of Policing (Kulleġġ tal-Korp tal-Pulizija) ġdid li għandu jkollu s-sede xi mkien ieħor. Għaldaqstant, ir-Renju Unit kien iddeċieda li jagħlaq is-sit nazzjonali tat-taħriġ tal-pulizija u jbiegħ is-sit billi jindika li l-ispejjeż relatati kienu għolja u li ma kien ħareġ l-ebda mudell kummerċjali alternattiv biex imexxi s-sit. Fid-dawl tal-obbligu tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) ta' kooperazzjoni sinċiera, u b'mod partikolari l-obbligi li jirriżultaw mill-Artikolu 4 TUE, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha għandhom jassistu lil xulxin b'mod reċiproku biex jibqgħu għaddejnin l-attivitajiet operazzjonali tas-CEPOL. Għal dan il-għan, ir-Renju Unit b'mod partikolari jeħtieġ jiżgura transizzjoni mingħajr xkiel tas-CEPOL għall-post il-ġdid tiegħu, mingħajr ma jikkomprometti l-baġit regolari tas-CEPOL.
- (3) Fid-dawl tal-ftehim komuni li ntlaħaq fit-8 ta' Ottubru 2013 mir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, u tal-ħtieġa li jinżamm l-istatus tas-CEPOL bħala aġenzija separata tal-Unjoni, għandhom isiru arranġamenti li skonhom is-CEPOL ser jiġi ospitat f'Budapest hekk kif jitlaq minn Bramshill. Dawk l-arranġamenti għandhom jiġu inkorporati fid-Deċiżjoni 2005/681/ĠAI.
- (4) Fid-dawl tal-qafas legali introdott bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, huwa neċessarju li tiġi rieżaminata d-Deċiżjoni 2005/681/ĠAI, waqt li fl-istess ħin jiġi żgurat l-istatus tas-CEPOL bħala aġenzija separata tal-Unjoni.
- (5) Id-Deċiżjoni 2005/681/ĠAI għandha għalhekk tiġi emendata kif xieraq.
- (6) Qabel ma s-CEPOL jibda l-faġi operazzjonali tiegħu fil-post il-ġdid, għandu jiġi konkluż ftehim dwar il-kwartieri ġenerali, skont il-proċeduri stabbiliti.
- (7) Skont l-Artikoli 3 u 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness mat-TUE u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), dawk l-Istati Membri nnotifikaw ix-xewqa tagħhom li jipparteċipaw fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.
- (8) Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-TUE u mat-TFUE, id-Danimarka mhix qiegħda tipparticipa fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

⁽¹⁾ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' April 2014 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2014.

⁽²⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/681/ĠAI tal-20 ta' Settembru 2005 li tistabbilixxi l-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL) u li tħassar id-Deċiżjoni 2000/820/ĠAI (ĠU L 256, 1.10.2005, p. 63).

- (9) Fid-dawl tal-ħtieġa urġenti li jiġi stabbilit is-sede il-ġdid tas-CEPOL, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2005/681/ĠAI hija emendata kif ġej:

- (1) L-Artikolu 4 hu sostitwit b'li ġej:

"*Artikolu 4*

Sede

Is-sede tas-CEPOL għandha tkun f'Budapest, l-Ungerija.";

- (2) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 21a*

Rieżami

Sat-30 ta' Novembru 2015, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport dwar l-effettività ta' din id-Deċiżjoni, b'kont meħud tal-ħtieġa li jiġi żgurat l-istatus tas-CEPOL bħala aġenzija separata tal-Unjoni. Dak ir-rapport għandu, jekk adatt, ikun akkumpanjat minn proposta leġislattiva biex tiġi emendata din id-Deċiżjoni wara analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji u valutazzjoni tal-impatt bir-reqqa."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Settembru 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Mejju 2014.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

M. SCHULZ

Għall-Kunsill

Il-President

D. KOURKOULAS